MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2007

Numru. 1336/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**KONTRA**

**DANIEL LANZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Daniel Lanzon ta’ 21 sena, bin Alexander u Carmen nee’ Cefai, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-30 ta’ Settembru, 1985, residenti fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 567485M

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Akkuzat talli b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u cioe':

1. Talli nhar is-7 ta' Mejju, 2006, ghall-habta tas-6.30 ta' fil-ghodu, ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-kamra numru 3 sitwata fid-dar tal-anzjani bl-isem 'Dar Sawra', Triq Nicola Sawra, Rabat, ghad-dannu ta' Maurizio Vella, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-lok;

2. U aktar talli nhar is-7 ta' Mejju, 2006 ghall-habta tas-6.30 ta' fil-ghodu, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra mill-kamra numru 3 sitwata fid-dar tal-anzjani bl-isem 'Dar Sawra', Triq Nicola Sawra, Rabat, ghad-dannu ta' Maurizio Vella, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bil-lok;

3. U aktar talli fl-istess dati u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Maurizio Vella u tad-dirigenti ta' 'Dar Sawra', liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

4. U aktar talli fl-istess dati u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

5. U finalment talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni rrizulta li l-imputat fiz-zminijiet indikati fl-imputazzjonijiet kien mar gewwa r-residenza tad-derubat, u fl-istess zminijiet kienu gew nieqsa xi flus u oggetti ohra ta’ valur. Ghalkemm ma hemm l-ebda xhud okulari li raw lill-imputat effettivament jisraq dawn l-oggetti, mill-provi kollha prodotti, inkluz il-provi indizzjarji u b’mod partikolari dik tal-impronta digitali tal-istess imputat, dawn bil-fors iwasslu ghall-htija fih u f’hadd iktar. L-imputat ma ressaq ebda prova in difesa biex jiskolpa ruhu, izda pprova biss fit-trattazzjoni tal-abbli difensur tieghu jqajjem dubji din il-Qorti u jattakka l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, madankollu l-Qorti tinsab konvinta li kien hu li effettivament seraq l-oggetti indikati, fiz-zmien indikat u li biex ghamel hekk ghamel hsara fil-proprjeta’ tad-dar residenzjali fejn kien qieghed jghix il-vittma.
Li ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ewwel tliet imputazzjonijiet gew ippruvati a sodisfazzjon taghha.
Ghar-rigward tar-raba’ imputazzjoni, din inghatat bhala alternattiva ghal dik ta’ serq, u ghaldaqstant il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.
Ghar-rigward tal-hames imputazzjoni, din ma tirrizultax ghar-ragunijiet segwenti:
Fl-ewwel lok is-sentenza ezebita bhala DOK CM 4 a fol erbatax tal-process ma jidhirx li giet ikkonfermata minn ufficjal ghal finijiet ta’ identita’ tal-imputat, u ghaldaqstant ma tistax titqies bhala prova kontra l-istess imputat;
Fit-tieni lok is-sentenza ezebita bhala DOK CM 5 a fol ghoxrin tal-process, iggib id-data tal-1 ta’ Gunju, 2006, jigifieri inghatat wara li sehh ir-reat in ezami, u ghaldaqstant ma tistax titqies ghall-finijiet ta’ recediva.

Il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni ta’ dak li xehed id-direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin fil-konfront tal-imputat, li spjega lill-Qorti li llum l-imputat qieghed jaghmel kambjament ghall-ahjar fl-imgieba tieghu, ghalkemm ghadu residenti gewwa l-Facilita’ Korrettiva, u jista’ jkun ghalhekk li l-passat tieghu ma jergax jigi ripetut u l-imputat ikun jista’ jibda hajja gdida la darba jiskonta s-sentenzi li hu ghandu. Il-Qorti taqbel ma’ din is-sottomissjoni, u

ghalhekk ghall-finijiet ta' piena ghalkemm sejra taghti prigunerija ai termini tal-Ligi, m'hiex ser iddahhal l-istess terminu fis-sehh, izda ha timponi sorveljanza fuq l-imputat skond id-Disposizzjonijiet tal-Artikoli 28A et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 279(a), 325, 334, 49, u 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), u t-tielet (3) imputazzjoni, u tikkundannah terminu ta' prigunerija ta' tmintax(18)-il xahar sospizi ghal erba' (4) snin, taht supervizjoni ta' ufficjal tal-Probation ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' (4) imputazzjoni peress li nghatat bahla alternattiva ghal dawk ta' serq;
Ma ssibx lill-istess imputat hati tal-hames (5) imputazzjoni, u ghaldaqstant tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------